

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Proċeduri Tal-qorti](#) > [Kawżi Ċivili](#) > [Ipproċessar Onlajn Ta' Każijiet U Komunikazzjoni Elettronika Mal-qrati](#) > [Netherlands](#)

# Ipproċessar onlajn ta' każijiet u komunikazzjoni elettronika mal-qrati

 Olanda

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network  
(in civil and commercial matters)

## 1 Huwa possibbli li jinbdew proċeduri fil-qorti permezz tal-internet?

Iva, tista' tibda proċedimenti tal-qorti permezz tal-portal web sikur tal-qrati. Il-portal web jista' jiġi aċċessat minn membri tal-pubbliku, avukati u professjonisti legali oħra, kif ukoll minn intraprendituri, negozji u organizzazzjonijiet oħra.

Madankollu, il-proċedimenti tal-qorti għadhom ma jistgħux jinbdew b'mod elettroniku fil-ġurisdizzjonijiet kollha tal-qorti jew għat-tipi kollha ta' proċedimenti.

L-appelli fuq punti ta' liġi (cassatiezaken) quddiem il-Qorti Suprema (Hoge Raad) jistgħu jitressqu elettronicament; dan huwa obligatorju għal talbiet ċivili u (mill-1 ta' Jannar 2023) għal talbiet kriminali.

## 2 Jekk proċedura b'hal din teżisti, għal-liema tipi ta' każijiet hija disponibbli? Hemm proċeduri li huma disponibbli biss permezz tal-internet?

Talbiet ċivili:

- L-avukati jistgħu jippreżentaw rikorsi għal sekwestru b'mod elettroniku ma' kwalunkwe qorti distrettwali.
- L-avukati jistgħu jippreżentaw talbiet konġunti għad-divorzju b'mod elettroniku mal-qorti distrettwali Ċentrali tan-Netherlands (f'Utrecht) u l-qorti distrettwali ta' Overijssel (f'Almelo).
- L-avukati huma obbligati jippreżentaw appelli dwar punti ta' liġi b'mod elettroniku mal-Qorti Suprema; ara [Digitaal procederen bij de Hoge Raad - Hoge Raad](#).

Talbiet amministrattivi:

- L-avukati jridu jibdew proċedimenti b'mod elettroniku f'kawżi tal-ażil u d-detenzjoni.
- L-avukati jistgħu jagħżlu li jippreżentaw talbiet b'mod elettroniku f'kawżi tal-immigrazzjoni regolari.
- Il-membri tal-pubbliku, l-avukati u professjonisti oħra jistgħu jagħżlu li jressqu appelli b'mod elettroniku ma' kwalunkwe qorti tal-appell f'kawżi tat-taxxa.
- Il-membri tal-pubbliku, l-avukati u professjonisti oħra jistgħu jagħżlu li jippreżentaw appell fuq punt ta' liġi b'mod elettroniku mal-Qorti Suprema.
- Il-membri tal-pubbliku, l-avukati u professjonisti oħra jistgħu jagħżlu li jibdew proċedimenti b'mod elettroniku fil-primja istanza jew fl-appell mal-Kunsill tal-Istat (Raad van State) (ara [Digitaal procederen - Raad van State](#)).

Ħarsa ġenerali aġġornata tad-diġitalizzazzjoni fil-qrati distrettwali u fil-qrati tal-appell f'kull ġurisdizzjoni tista' tinstab fuq [Digitalisering rechtspraak | Rechtspraak](#).

### 3 Din il-faċilità hija disponibbli f'kull ħin (jiġifieri 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa) jew f'ħinijiet speċifiċi biss? Jekk hija disponibbli f'ħinijiet speċifiċi biss, x'inhuma dawn il-ħinijiet?

Tista' tippreżenta kawża jew tippreżenta dokumenti proċedurali lid-diversi qrati permezz ta' portal web. Il-portal web jista' jiġi aċċessat fi kwalunkwe ħin. Il-manutenzjoni u l-fallimenti tas-sistema jiġu rrapportati permezz tas-sit web tal-qorti kkonċernata. Jekk teħtieġ l-għajjuna, tista' fil-prinċipju tikkuntattja help desk, bħaċ-ċentru tas-servizz tal-Ġudikatura (servicecentrum van de Rechtspraak), elettronikament jew bit-telefown mit-Tnejn sal-Ġimgħa matul il-ħinijiet tal-uffiċċju u kmieni filgħaxija.

### 4 Id-dettalji tat-talba għandhom ikunu pprovduti f'xi tip ta' format partikolari?

Meta jkollok l-għażla li tibda proċedimenti speċifiċi b'mod elettroniku, iridu jiġu ppreżentati aktar dokumenti permezz tal-portal web tal-qorti kkonċernata. Bħala regola, irid jimtela kwestjonarju diġitali fuq il-portal. Id-dokumenti jridu jittellgħu fil-format PDF/A; ma jistgħux ikunu akbar minn 25 megabytes u jridu jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-Rikonoxximent Ottiku tal-Karattri (OCR, Optical Character Recognition). Il-fajls tal-awdjo jridu jkunu f'format MP3, immaġnijiet f'JPEG, u fajls tal-vidjo f'Mp4-h.264.

Dawn l-ispeċifikazzjonijiet huma stabbiliti fir-regoli ta' proċedura tal-qrati ([Procesreglementen](#) | [Rechtspraak](#)).

### 5 It-trasferiment u ż-żamma tad-dejta kif isiru b'mod fiż-żgur?

Il-Ġudikatura tirreġistra d-data (personali) li hija meħtieġa biex il-proċedimenti jitmexxew mingħajr xkiel. Tali data tiġi ttrattata b'mod kunfidenzjali u sikur f'konformità mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR). Il-“folder elettroniku” li fiha id-dokumenti tal-qorti u annessi huwa kriptat sabiex jiġi żgurat li tkun biss il-qorti li lilha jkunu indirizzati d-dokumenti li tista' taqra l-kontenut.

Hoġqa għal: [Digitalisering rechtspraak](#) | [Rechtspraak](#).

### 6 Huwa meħtieġ li tintuża xi tip ta' firma elettronika u/jew sistema li biha jiġi rreġistrat il-ħin?

Iva, meta tilloggja fil-portal web tal-qorti trid tipprovdi mezz diġitali ta' awtentikazzjoni. Ir-regoli ta' proċedura korrispondenti jispeċifikaw liema mezz ta' awtentikazzjoni huma aċċettati ([wetten.nl - Regeling - Besluit elektronisch procederen - BWBR0044275](#) ([overheid.nl](#))). Għall-avukati, huwa l-permess tal-avukat tagħhom; għall-organizzazzjonijiet, l-e-ID tagħhom (e-Herkenning); u għall-membri tal-pubbliku, l-e-ID tad-DigiD tagħhom flimkien ma' awtentikazzjoni addizzjonali permezz ta' messaggġ testwali.

### 7 Għandhom jitħallsu xi tariffi tal-qrati? Jekk iva, kif jistgħu jitħallsu u hemm xi differenzi bejnhom u bejn it-tariffi għall-proċeduri mhux elettroniki?

Iva, it-tariffi tal-qrati jitħallsu fil-proċedimenti kollha. Ma hemm l-ebda tariffa separata għall-proċedimenti elettroniki. Fil-każ ta' proċedimenti elettroniki, it-tariffi tal-qorti jitħallsu online. Fin-nuqqas ta' ħlas, ma jkunx jista' jsir progress (ulterjuri) fil-bidu tal-proċeduri. Id-ditti legali jistgħu jżommu kont mal-Ġudikatura.

### 8 Huwa possibbli li wieħed jirtira talba li l-proċeduri dwarha jkunu nbdev permezz tal-internet?

Iva, ir-regoli ta' proċedura tal-qorti rilevanti jistipulaw kif għandha tiġi rtirata t-talba.

## 9 Jekk ir-rikorrent jibda proċeduri permezz tal-internet, huwa possibbli u/jew obbligatorju li l-intimat jirrispondi permezz tal-internet ukoll?

Le, sakemm ma jkunx obbligatorju li l-proċedimenti jitmexxew b'mod elettroniku, f'liema każ il-konvenut irid iwieġeb online. Meta l-preżentazzjoni elettronika tkun fakultattiva, u skont x'inhu stipulat fir-regoli ta' proċedura, il-konvenut jista' jippreżenta sottomissjonijiet bil-miktub u juża s-sistema sikura tal-posta elettronika tal-Ġudikatura (Veilig Mailen).

## 10 Fir-rigward tal-proċedura elettronika, x'jiġri jekk l-intimat jirrispondi għat-talba?

Il-proċeduri elettroniċi jitmexxew kompletament online. Il-konvenut jirċievi notifika bil-posta elettronika ta' kull fajl ġdid ippreżentat fil-proċess tal-kawża elettroniku. Il-konvenuti jistgħu jżidu d-dokumenti tagħhom u jikkonsultaw il-kawża tagħhom b'mod elettroniku. Id-deċiżjoni tal-qorti ssir disponibbli online għall-partijiet fil-forma ta' fajl elettroniku.

## 11 Fir-rigward tal-proċedura elettronika, x'jiġri jekk l-intimat ma jirrispondix għat-talba?

Jekk il-kawża tkun ġiet innotifikata b'mod korrett lill-parti l-oħra, il-kawża tkun tista' tiġi ġudikata b'kontumaċja għan-nuqqas ta' dehra. Il-parti l-oħra tiġi infurmata dwar il-passi proċedurali bil-miktub.

## 12 Huwa possibbli li wieħed iressaq dokumenti quddiem il-qorti b'mod elettroniku u jekk dan huwa possibbli f'liema proċeduri u b'liema kundizzjonijiet jista' jsir?

Ara t-tweġiba għall-mistoqsijiet 1 u 2. Meta l-preżentata elettronika ma tkunx obbligatorja, id-dokumenti jistgħu jintbagħtu wkoll bil-posta. Mhuwiex possibbli li jintbagħtu messaġġi u dokumenti permezz ta' posta elettronika standard. Skont l-Ordni dwar il-Proċedimenti Elettroniċi ([Besluit Elektronisch procederen](#)), ir-regoli ta' proċedura tal-qorti jispeċifikaw liema sistemi sikuri tal-posta elettronika jistgħu jintużaw.

## 13 Id-dokumenti ġudizzjarji, b'mod partikolari s-sentenzi, jistgħu jiġu nnotifikati permezz tal-internet?

Le, bħala regola ġenerali, id-dokumenti ġudizzjarji, u b'mod partikolari s-sentenzi, ma jistgħux jiġu nnotifikati permezz tal-internet. Ara wkoll it-tweġiba għall-mistoqsija 10.

## 14 Id-deċiżjoniet ġudizzjarji jistgħu jingħataw b'mod elettroniku?

Iva, iżda biss deċiżjonijiet ġudizzjarji fi proċedimenti li jkunu twettqu b'mod elettroniku, f'liema każ id-deċiżjoni ġudizzjarja tiġi nnotifikata lill-partijiet permezz tal-portal web sikur.

## 15 Jista' jsir appell permezz tal-internet u d-deċiżjoni li tittieħed fih tista' tiġi nnotifikata permezz tal-internet?

Iva, l-appelli jistgħu jitressqu online għal għadd limitat ta' proċedimenti; ara t-tweġiba għall-mistoqsija 2. Meta l-proċedimenti jkunu twettqu b'mod elettroniku fil-qorti tal-appell, id-deċiżjoni ġudizzjarja tiġi nnotifikata wkoll b'mod elettroniku lill-partijiet. Id-deċiżjoni ma tistax tiġi nnotifikata elettronicament.

## 16 Jistgħu jinbdew proċeduri ta' eżekuzzjoni permezz tal-internet?

Bħala regola, il-proċedimenti ta' eżekuzzjoni ma jistgħux jitressqu online. Madankollu, l-avukati jistgħu

jippreżentaw rikorsi għal sekwestru online – ara t-tweġiba għall-mistoqsija 2.

## 17 Il-partijiet jew ir-rappreżentanti legali tagħhom jistgħu jikkonsultaw il-każijiet onlajn? Jekk iva, kif?

Iva, fi proċedimenti mressqa elettronikament, il-partijiet u r-rappreżentanti legali tagħhom jistgħu jikkonsultaw il-proċess tal-kawża online. Biex jagħmlu dan, jistgħu jilloggjaw fil-portal web tal-qorti.

---

■ L-aħħar aġġornament: 22/10/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.